**IS-SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ**
IT-TIENI ĊIKLU

Francesco Pio Attard

# IS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA
## FL-ASPETT BIBLIKU-MORALI TIEGĦU

Każ morali ppreżentat
bħala parti mill-kors
*It-Teoloġija Morali: Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni*

Il-belt Victoria, Għawdex
It-Tlieta 13 ta' Novembru 2007

# Werrej


Il-każ 4

Daħla 5

Il-Penitenza fl-Iskrittura 7

It-Testment il-Qadim 7

It-Testment il-Ġdid 8

Is-setgħa ta' Kristu li jaħfer id-dnubiet 10

L-interpretazzjoni ġuridika 10

L-interpretazzjoni ekkleżjali 11

L-interpretazzjoni demonoloġika 12

Il-Knisja ta' l-Appostli u ta' San Pawl 14

L-Ewkaristija 15

Il-Penitenza bħala realtà dinamika 16

Fl-Iskrittura 16

Il-penitenza bħala don ta' Alla 17

Il-penitenza: għemil tal-bniedem 18

Il-penitenza bħala kundizzjoni permanenti ta' ħajja 19

Il-konverżjoni 20

Kwalitajiet teoloġiċi tal-penitenza 20

"Torbot" u "tħoll" fuq l-art u fis-Sema 21

Id-dnubiet venjali 24

Tħoll fuq l-art u fis-Sema 24

Il-vera tifsira ta' dawn it-testi 25

Espożizzjoni ta' xi kunċetti Skolastiċi 26

Bibljografija 28

1

# Il-każ

Qamet diskussjoni bejn is-saċerdot Dun Kallistu u d-djaknu Dun Kosma fuq jekk kliem Ġesù Kristu "torbot u tħoll" u "żżomm u tħoll" għandux jinftiehem li s-saċerdot konfessur għandu l-qawwa li jagħti jew ma jagħtix assoluzzjoni lill-penitent li m'għandux sogħba jew indiema ta' dnubietu. Wara diskussjoni sħuna ttendew li kienu qegħdin jaffermaw l-istess imma b'enfasi fuq l-aspett ġuridiku jew dak bibliku-morali. Filfatt "torbot" tfisser li l-penitent li ntrabat ma' dnubu għandu jintrabat b'mod personali u b'mod ekkleżjali mal-mixja penitenzjali (li hija d-dispożizzjoni interna neċessarja) li twasslu għall-maħfra ta' dnubietu u tirrikonċiljah b'mod sħiħ ma' Alla u mal-Knisja.

- Kif għandna nifhmu kliem Ġesù "torbot u tħoll" u "żżomm u tħoll"?
- Biex nifhmu sew il-*"Pax cum ecclesia"* kif għandna naraw is-sehem tal-Knisja? U x'nifhmu b'"ġustifikat quddiem Alla"?

2

# Daħla

> Id-dnub hu qabelxejn offiża lil Alla, ksur tar-rabta tagħna miegħu. Fl-istess waqt, id-dnub jolqot ukoll ix-xirka tal-Knisja. Għalhekk il-konverżjoni ġġib fl-istess waqt il-maħfra ta' Alla u r-rikonċiljazzjoni mal-Knisja li tiġi mfissra u sseħħ liturġikament bis-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni.[1]

Waqt li jikkwota l-kostituzzjoni dommatika tal-Konċilju Vatikan II *Lumen gentium*, il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* hekk jiftaħ id-diskors tiegħu fuq is-sagrament tal-Qrar, sinjal qaddis li hu hekk għażiż għall-Knisja Kattolika, magħruf b'ħafna ismijiet, fosthom is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, tal-Penitenza, tal-Maħfra… ismijiet li lkoll jirrappreżentaw il-perjodi storiċi differenti li tulhom żviluppa s-sagrament.

Hu Alla li għandu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet. Fih jinġabru l-attributi kollha tajbin, fosthom il-ħniena u l-maħfra fir-relazzjoni tiegħu mal-bniedem. Jekk f'Ibnu ġew inkarnati l-attributi kollha tiegħu, mhux b'inqas il-ħniena u l-maħfra. Alla hu l-Missier "għani fil-ħniena" li jħenn għal dawk li jitbiegħdu minnu u lest dejjem li jilqagħhom lura għandu. Għalhekk Ġesù Kristu, l-Iben waħdieni ta' Alla, ried iwaqqaf fuq l-art sinjal l-aktar ċar tal-ħniena u l-imħabba ta' Alla, li fi ħdan il-Knisja – li lilha ta s-setgħa li "torbot" u "tħoll" – żviluppa b'mod elaborat bħala s-sagrament tal-Qrar.

Imma minkejja t-tibdil li għadda minnu dan is-sagrament fiż-żmien, fl-essenza tiegħu baqa' s-sagrament tal-ħniena ta' Alla li, kulmin jersaq lejh bl-indiema u b'dispożizzjoni interna li jistqarr dnubietu, jikseb minnu u permezz tiegħu rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja.[2] Hi ħasra li kif waslilna fit-tradizzjoni tagħna dan is-sagrament, tilef ħafna

---

[1] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993, 1440.
[2] Ara ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993, 1448.

mill-qawwa li filfatt għandu u s-sens teoloġiku profond li dejjem ikkostitwixxa fil-Knisja. Aktar minn sagrament devozzjonali jew – agħar u agħar – okkażjonali, il-Qrar irridu nħarsu lejh fil-kuntest iktar wiesa' tal-mixja kontinwa tal-penitent Kristjan lejn konverżjoni vera. Sagrament bħal dan ma jistax jinftiehem jekk mhux f'dan l-isfond. U f'dan ir-rigward forsi jeżistu fostna perċezzjonijiet żbaljati li jeħtieġ niċċaraw, biex is-sagrament tal-Penitenza fil-Knisja joħroġ fil-qawwa kollha tiegħu.

Jekk dan hu sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni hija doppja – ma' Alla u mal-komunità. Anki jekk il-midneb hu diġà ġġustifikat minn Ġesù Kristu, li bl-opra tal-fidwa tiegħu ħeles lill-bnedmin kollha –

> Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù.

(Rum 3:23-24) –, u saħansitra anki jekk diġà resaq għas-sagrament u minnu rċieva l-maħfra ta' Alla permezz tal-konfessur wara li sogħob bih ta' dnubietu, nidem minnhom u stqarrhom, spiss il-penitent jifdallu triq oħra x'jimxi – dik tal-konverżjoni tiegħu nnifsu, ftit ftit, u fid-dawl tal-mixja personali tiegħu ta' mħabba, dik li fit-teoloġija nsejħulha "l-għażla fundamentali" tal-ħajja. U l-Knisja qiegħda hemm mhux biex takkużah imma biex tgħinu jfiq u jsaħħaħ il-ħbiberija tiegħu ma' Alla. Kif jgħid Santu Wistin, "nixtieq infejjaq u mhux nakkuża".[3]

Sa nħarsu lejn l-iżvilupp bibliku ta' dan is-sagrament, sa mill-ewwel snin tal-Knisja, biex imbagħad inħarsu iktar fil-fond lejn xi tfisser penitenza u x'ifissru eżatt il-kelmiet ta' Kristu fit-twaqqif tas-sagrament f'Mattew 16 u 18. Dan jgħinna nifhmu aħjar x'ried jimplika eżatt il-Mulej Ġesù bil-kelmiet "torbot" u "tħoll".

[3] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika postsinodali *Reconciliatio et pænitentia*, 2 ta' Diċembru 1984, 31.

3

# Il-Penitenza fl-Iskrittura

Diġà fit-Testment il-Qadim, Alla jipprefigura r-rikonċiljazzjoni tal-bniedem miegħu, billi qatt ma jieqaf joffrilu l-maħfra. Hu juri lilu nnifsu bħala "Alla li jagħder u jħenn" (Eż 34:6), li liberament iżomm "is-saħna tal-korla tiegħu" (Salm 85:4; ara Salm 103:8-12) u jitkellem fuq il-paċi mal-poplu tiegħu (Salm 85:9). Id-dnubiet ta' Israel jiksru l-Patt tas-Sinaj; imma, 'il bogħod milli jirrassenja ruħu għal dan, Alla jieħu hu nnifsu l-inizjattiva għal patt ġdid u etern (Ġer 31:31; Eż 36:60-63). Għalhekk hi tabilħaqq rikonċiljazzjoni – anki jekk il-kelma ma tintużax – li Alla jipproponi lill-għarusa fidila tiegħu (Hos 2:16-22), lill-ulied ribelljużi tiegħu (Eż 18:31). Ir-riti kollha ta' l-espjazzjoni fir-ritwal Mosajk, maħsuba għat-tisfija minn kull tip ta' imperfezzjoni, kollha jħarsu fl-aħħar mill-aħħar lejn ir-rikonċiljazzjoni tal-bniedem ma' Alla. Imma ż-żmien għadu ma wasalx biex titwettaq it-tpattija għad-dnubiet, u l-qaddejja fidili ta' Alla l-veru jibqgħu jistennew xi ħaġa aħjar (ara 2 Mak 1:5; 7:33; 8:29).

Ir-rikonċiljazzjoni perfetta u definittiva twettqet b'Ġesù Kristu, "il-medjatur bejn Alla u l-bniedem" (1 Tim 2:5). Ir-rikonċiljazzjoni hi biss aspett wieħed tal-ħidma feddejja ta' Kristu. Imma jixraq li nikkontemplaw il-misteru tas-salvazzjoni minn din l-angolatura speċjali fid-dawl ta' ċerti testi Pawlini (Rum 5:10; 2 Kor 5:18; Efes 2:16; Kol 1:20).[4]

Is-sagrament tal-Qrar isib il-bażi storika u teoloġika tiegħu fl-Iskrittura Mqaddsa.

## It-Testment il-Qadim

Il-poplu Lhudi tar-Rabta l-Qadima spiss jesprimi l-fiduċja sħiħa tiegħu fil-ħniena ta' Alla, li jidħol f'Patt mal-poplu. Anki meta dan ma jżommx il-wegħda li għamel lil Alla, Alla jibqa' fidil għal tiegħu, u jifhem u jħoss għad-dgħufija tal-poplu. Din il-ħniena tiġi wkoll estiża għall-bnedmin kollha, u spiss Alla jerġa' lura mill-kastigi li jkun sa jagħti.

---

[4] Xavier Léon-Dufour (ed.), *Dictionary of biblical theology*, (translated by Joseph Cahill), London [2]1995, 479-480.

Id-diżgrazzji naturali spiss kienu jinqraw bħala kastig tad-dnubiet umani, u għalhekk il-poplu l-magħżul kien ifittex li jesprimi l-indiema tiegħu permezz ta' diversi ġesti, l-ogħla fosthom il-festa kbira ta' *Jom Kippur*. Fir-rit ta' din il-festa Lhudija l-qassis il-kbir f'isem il-poplu kollu kien jistqarr il-ħtija u jitlob lil Alla maħfra tad-dnubiet. Wara kien ibierek il-poplu b'sinjal li Alla ħafirlu u twettqet ir-rikonċiljazzjoni. Imma kemm-il darba nsibu fl-Iskrittura li Alla kien jilmenta fuq in-nuqqas ta' konverżjoni fil-qalb tan-nies, li spiss kienu jieqfu biss fuq l-esterjorità. Mingħajr din il-konverżjoni profonda li toħroġ mill-impenn tal-bniedem u hija don ta' Alla waħdu, Alla ma setax jagħti l-maħfra. Għalkemm f'xi ġrajjiet il-mewt tidher bħal kastig, bħal fil-każ tal-mewt ta' l-ewwel iben ta' David mid-dnub ma' Batseba (2 Sam 12:18), imma "Alla ma jridx il-mewt tal-midneb, imma li jindem u jgħix" (Eżek 33:11). Fuq kollox il-Kelma ta' Alla f'kull mument tal-ħajja tal-poplu tipproponi stedina urġenti għall-penitenza; insibu eżempju ċar ta' dan f'Ġona.

Minn fonti oħra extra-bibliċi nafu kif fir-reliġjon Lhudija kien hemm livelli differenti ta' dnub li għalihom kien hemm pieni differenti. Ma' l-Għaxar Kmandamenti, li kienu l-ogħla espressjoni tal-Liġi ta' Alla, kien hemm bosta liġijiet u preċetti oħra. Il-qtil, l-adulterju u l-idolatrija kienu diġà meqjusa dnubiet gravi, u f'ċerti każi kienu jiġu applikati t-tħaġġir jew it-tkeċċija mis-sinagoga, allura mill-komunità.

> Din il-prattika ta' dħul u ħruġ minn ħdan il-komunità diġà kienet teżisti wkoll fost il-Lhud. Dawn fil-konċilju ta' Ġamnja, li sar fis-snin disgħin wara Kristu, inforzaw bil-qawwa kollha din il-liġi. Filfatt min fost il-Lhud kien jistqarr pubblikament li jemmen ukoll f'Ġesù Nazzarenu, il-Lhud kienu jkeċċuh u jeskluduh pubblikament mis-sinagoga tagħhom.[5]

### It-Testment il-Ġdid

L-ewwel predikazzjoni ta' Ġesù fil-Vanġeli hi sewwasew fuq il-penitenza u l-maħfra tad-dnubiet bħala kundizzjoni biex tinbena s-Saltna ta' Alla li ġie jħabbar. Għalhekk, biex dan jintlaħaq jeħtieġ il-mixja għall-konverżjoni, il-*"metanoia"* (ara Mt 4:17; Mk 1:5; Lq 5:32; 13:3-5; Mt 11:20-24; 18:3; Lq 19:40-44; 23:28-31; Atti 2:38; 11:18; 17:30).

---

[5] LAWRENZ SCIBERRAS, *Saltnatu għal dejjem*, Malta 1991, 50.

Jeħtieġ li din tkun bidla sħiħa u definittiva fil-ħajja tal-persuna, biex hekk tħalli għalkollox il-ħajja tad-dnub u ddur lura b'qalbha kollha lejn Alla. Diġà nsibu lil Ġwanni l-Battista li qabel Kristu jistieden lil-Lhud għal din it-tip ta' ndiema bil-magħmudija ta' l-ilma fil-Ġordan (Mt 3:1-12). Biex wieħed ikun maħfur, huma meħtieġa l-indiema mid-dnubiet, it-tpattija għalihom u l-konverżjoni lejn Alla. Allura ma' l-azzjoni sinċiera tal-bniedem jiżdied ukoll id-don ta' Alla li b'għażla tiegħu jagħti l-maħfra lil min jitlobhielu (Lq 24:46-47).

Kristu nnifsu spiss ifittex il-midinbin, għax "mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda" (Lq 5:31). Episodji bħal tar-Ragħaj it-Tajjeb (Lq 15:4-10), il-mara Samaritana (Ġw 4:6-10), il-mifluġ (Lq 5:17-26), il-mara midinba (Lq 7:36-50), l-adultera (Ġw 8:1-11), Żakkew il-Pubblikan (Lq 19:1-10), is-sejħa ta' l-istess Mattew (Mk 2:13-17), il-ħalliel it-tajjeb fuq is-Salib (Lq 23:39-43), u l-indiema ta' Pietru ftit qabel il-mewt ta' Ġesù (Lq 22:54-62), huma fost dawk li juru l-imħabba li kellu Ġesù lejn il-midneb, rifless tax-xewqa ta' Alla li jħenn u jaħfer, hekk li jiġri warajh biex jistiednu għall-konverżjoni. F'kultura fejn il-mard kien assoċċjat mad-dnub, Ġesù jfittex li jfejjaq il-mard tar-ruħ qabel dak tal-ġisem, fil-mirakli tiegħu. Hu jisfrutta r-rieda tajba tal-midneb biex iwasslu għall-indiema.

> Tul il-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù mhux biss ħafer id-dnubiet iżda wera wkoll l-effett ta' din il-maħfra: daħħal mill-ġdid il-midinbin li qalgħu l-maħfra fil-komunità tal-poplu ta' Alla, li minnha kien warrabhom jew begħedhom id-dnub. Sinjal tassew ta' l-għaġeb hu l-fatt li Ġesù jilqa' l-midinbin għall-mejda tiegħu, anzi joqgħod għall-mejda magħhom, ħaġa li b'mod tassew iħawwad u jfixkel, iżda fl-istess waqt juri sew il-maħfra ta' Alla (ara Lq 15) u sew id-dħul mill-ġdid tal-midneb fi ħdan il-poplu ta' Alla (ara Lq 19:9).[6]

Żgur li l-parabbola ta' l-Iben il-Ħali (Lq 15:11-23) tesprimi eżatt dan il-proċess penitenzjali kollu. L-istampa tippreżentalna żewġ ulied li t-tnejn jiżbaljaw, u għalhekk nifhmu li aħna lkoll midinba b'xi mod jew ieħor. Alla jirrispetta l-libertà tagħna u, ta' Missier ħanin li hu, jistenniena nerġgħu lura għandu. Fil-ħsieb u l-qalb ta' l-iben iż-

[6] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993, 1443.

żgħir nistgħu niflu kif jimxi l-proċess ta' l-indiema u l-konverżjoni – jispikkaw l-indiema, il-proponiment u l-istqarrija tad-dnubiet.

**Is-setgħa ta' Kristu li jaħfer id-dnubiet**

Meta lill-Appostli tahom is-setgħa tiegħu li jaħfru d-dnubiet, il-Mulej Ġesù tahom ukoll l-awtorità li jħabbu l-midinbin mill-ġdid mal-Knisja. Din id-dimensjoni ekkleżjali ta' dan l-uffiċċju, tidher l-aktar fil-kliem solenni ta' Kristu lil Pietru: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet, u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kulma tħoll fuq l-art, ikun maħlul fis-smewwiet" (Mt 16:19). Dan l-istess uffiċċju li jorbot u jħoll, li ngħata lil San Pietru, ingħata wkoll lill-kulleġġ ta' l-Appostli, magħqudin mal-kap tagħhom (Mt 18:18; 28:16-20).[7]

Is-setgħa divina li jesponi Kristu meta jaħfer id-dnubiet tiskandalizza lill-Fariżej (Lq 7:48-50; Mt 9:2-8; Mk 2-10). Ġesù jenfasizza li hi setgħa li ġejja mingħand il-Missier (Efes 17; Kol 1:15; 2 Kor 5:19; Atti 10:43; Rum 5:11; Lh 9:11; 10:18). Permezz tal-magħmudija huwa jgħaddi din is-setgħa lill-Appostli (Mt 28:19) u f'okkażjonijiet oħra jagħtihom il-kmand li jaħfru d-dnubiet (Mt 16:18-19; 18:15-20; Ġw 20:22-23).

F'dan il-kuntest irridu nifhmu wkoll is-sens teoloġiku tal-kelmiet "torbot" u "tħoll" f'Mattew 16 u 18. Fil-lingwaġġ rabbiniku ninterpretaw din il-frażi bħala waħda awtoritarja li twassal għal projbizzjoni jew it-tneħħija tagħha. Allura hemm is-setgħa maġisterjali u dik dixxiplinari, b'mod speċifiku li tiskomunika jew tneħħi l-iskomunika fuq xi membru tal-komunità.

**L-interpretazzjoni ġuridika**

Imma wieħed irid jeżamina sew it-testi biex jifhem aħjar it-tifsira ta' "torbot" u "tħoll". F'Mattew 16:18-19, Kristu qed jagħti lil Pietru s-setgħa l-aktar għolja fil-Knisja, u s-setgħa li jaħfer id-dnubiet. L-interpretazzjoni ġuridika tidher f'żewġ forom.

L-interpretazzjoni li bosta teologi Kattoliċi jagħtu ta' "torbot" u "tħoll" u "imfietaħ tas-Saltna" hi li Pietru u miegħu l-kulleġġ ta' l-Appostli, u warajhom is-suċċessuri tagħhom, għandhom is-setgħa "suprema u divina ta' ġurisdizzjoni li għandha l-Knisja

[7] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993, 1444.

bl-għan tas-salvazzjoni".[8] Taħt din is-setgħa suprema u universali taqa' anki s-setgħa li jaħfru jew ma jaħfrux id-dnubiet, li huma l-qerda tal-Knisja li Ġesù qed iwaqqaf fuq l-Appostli. Din hi setgħa li teskludi mill-komunità u li terġa' ddaħħal mill-ġdid fiha, kif sa naraw iktar 'il quddiem.

Fid-dawl ta' l-istudji moderni li saru bl-għajnuna tal-filoloġija, allura tat-tifsira li fil-lingwaġġ rabbiniku kellha l-espressjoni "torbot u tħoll", insibu li f'sens wiesa' din tfisser is-setgħa ġuridika li wieħed jitkellem b'awtorità, u allura jista' jagħti s-setgħa jew ineħħiha; u f'sens iktar speċifiku tfisser parti minn din l-azzjoni: li allura tiskomunika jew tneħħi l-iskomunika.

> Dan ifisser li d-dħul u l-ħruġ fil-komunità jiddipendi dejjem jekk l-individwu jridx jaċċetta jew le t-twemmin li tħaddan dik il-komunità. Tista' mela tikkomunika jew tiskomunikah mill-komunità, li fil-każ tagħna hija l-Knisja.[9]

**L-interpretazzjoni ekkleżjali**

Mattew 18:15-20 nifhmuh iżjed fid-dawl ta' interpretazzjoni ekkleżjali jew ekkleżjoloġika, u allura ta' kuntest immedjat u tal-prassi penitenzjali ta' żmien partikulari – dawk tal-Knisja bikrija u tal-komunitajiet Lhud, bħal dik tal-Qumran.

L-għemil tal-komunità fil-konfront tal-membru midneb tagħha, u allura ta' wieħed mill-aħwa, kellu jkun manifestazzjoni viżibbli fl-istorja tal-mudell ta' mħabba tal-Missier, Ragħaj tajjeb li jmur ifittex in-nagħġa l-mitlufa. Dan kien iseħħ fi proċess ċar ħafna: il-midneb kien jiġi mwissi fil-privat, imbagħad quddiem xi xhieda, sakemm meta dan kollu ma jħalli l-ebda frott ta' konverżjoni hu jiġi rrappurtat lill-ġemgħa u fl-aħħar iddikkjarat bħala midneb pubbliku, "pagan u Pubblikan" (Mt 18:17) quddiem il-komunità (*"ekklesía"*). Dan il-proċess isemmih Kristu nnifsu fl-istess silta (Mt 18:15-20), meta jgħid:

> Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra, biex kulma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda jew

---

[8] Lawrenz Sciberras, *Saltnatu għal dejjem*, Malta 1991, 50.
[9] Lawrenz Sciberras, *Mixja mas-sena tal-Knisja*, Malta 1996, 143.

tlieta. Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur għid lill-Knisja. U jekk anqas mill-Knisja ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u Pubblikan.

Billi l-kelmiet "torbot" u "tħoll" f'din is-silta jiġu eżatt wara dan il-kuntest penitenzjali, għalkemm nistgħu, jekk irridu, nifhmuhom sempliċiment fid-dawl tas-setgħa maġisterjali li għandha l-komunità – il-Knisja – fl-interess tal-fidwa ta' wliedha, imma primarjament iktar jagħmlu sens fit-tifsira impliċita li l-Knisja teskludi jew terġa' tilqa' fi ħdanha u f'komunjoni magħha lil dawk li bid-dnub tagħhom ikunu twarrbu huma stess minnha.

Allura l-Knisja għandha s-setgħa li "torbot" u "tħoll", setgħa anki fis-Sema, quddiem Alla. L-eżerċizzju viżibbli, soċjali u storiku ta' din is-setgħa tal-Knisja fl-ordni terren, f'Mattew 18:18, tikseb effikaċja qawwija fis-Saltna tas-smewwiet, quddiem Alla nnifsu. Wara kollox il-Knisja titlob u taġixxi f'isem Ġesù nnifsu.

B'dan il-mod il-Kristjan jiġi eskluż mill-ħajja attiva tal-Knisja jew jerġa' jibda jagħmel sehem minnha. Din l-interpretazzjoni baqgħet ħajja fost il-Padri tal-Knisja u anki fil-Medjuevu, u żdied ukoll it-terminu "skomunika". Kif għad nirripetu 'l quddiem, li torbot u tħoll m'humiex żewġ alternattivi kontra xulxin imma żewġ fażijiet ta' l-istess proċess. L-ewwel fażi diġà tindirizza għat-tieni, fi proċess penitenzjali li għandu bħala għan il-fidwa tal-bniedem.[10]

**L-interpretazzjoni demonoloġika**

Vorgrimler[11] iżid ma' dawn interpretazzjoni oħra, dik demonoloġika u "maġika", fid-dawl tal-letteratura apokalittika-Ġudajka u l-istudju filoloġiku tal-letteratura Griega, Latina u Għebrajka. Fl-użu rabbiniku iktar donnu qed issir enfażi fuq li titkellem b'aworità milli fuq is-setgħa li tiskomunika. Għalhekk Vorgrimler jara t-terminu "torbot" ifisser li tagħti lill-midneb f'idejn ix-xitan, u "tħoll" li teħilsu minn din il-ħakma, "mix-xbiek tax-xitan li kien qabadhom taħt idejh biex jagħmlu r-rieda teigħu" (2 Tim 2:26). Filfatt naqraw f'San Pawl: "Xi wħud, għax warrbu l-kuxjenza, tfarrku fil-fidi. Fosthom hemm Imeni u Alessandru, li jien ħallejthom f'idejn ix-xitan biex

[10] Ara JOSÉ RAMOS-REDIGOR, *Il sacramento della penitenza. Riflessione teologica biblico-storico-pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino $^{6}$1992, 132-133.
[11] Herbert Vorgrimler (1929- ), teologu Kattoliku u awtur Ġermaniż, student ta' Karl Rahner.

jitgħallmu ma jeħduhiex kontra Alla" (1 Tim 1:19-20); u: "Meta tiltaqgħu fil-ġemgħa, intom u l-ispirtu tiegħi bil-qawwa ta' Sidna Ġesù, itilqu lil dan il-bniedem f'idejn ix-xitan għall-qerda ta' ġismu, biex ruħu tkun salva f'Jum il-Mulej" (1 Kor 5:4-5). "Li tħoll u torbot huma termini rabbiniċi li jistgħu jirriferu għar-rabta tax-xitan fl-eżorċiżmu, għall-għemejjel ġuridiċi ta' l-iskomunika u tad-deċiżjonijiet definittivi".[12]

> Għalhekk is-setgħa li "torbot" primarjament għandha din it-tifsira: tiltaq jew tħalli lill-midneb taħt is-setgħa tax-xitan. Fir-realtà, il-midneb diġà qiegħed f'idejn ix-xitan; hu ma jridx jgħaddi minn stat għal ieħor (*"metanoia"*). Għalhekk il-Knisja tħallih b'mod uffiċjali marbut fejn diġà qiegħed. Fl-aħħar mill-aħħar din hija x-xewqa tiegħu.
>
> Il-kelma l-oħra "tħoll", fl-oriġinal *"luo"*, tfisser taqta', tqaċċat, iżżarrat l-irbit kollu li l-bniedem midneb ikollu max-xitan. Il-bniedem fid-dnub ikun skjav tad-dnub, allura tħollu jfisser tagħtih libertà u qawwa biex ikun jista' jgħaddi mill-ħakma tax-xitan u jintrabat mal-Knisja. Il-bniedem jinħall minn max-xitan (art) biex jintrabat ma' Alla (Sema).[13]

Hu x'inhu, hemm punti ċari li joħorġu mit-tliet interpretazzjonijiet: is-setgħa qed tingħata lil Pietru u l-Appostli, u din is-setgħa hi wkoll missjoni, dik tal-maħfra tad-dnubiet.

Il-Konċilju ta' Trento jitfa' dawl ukoll fuq il-kliem ta' Ġesù fi Ġwanni 20:21-23 – "Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" – bħala t-twaqqif tas-sagrament tal-Qrar, u jgħid li dawn m'għandhomx jitħalltu mas-sempliċi awtorità tal-Knisja li tinterpreta u tħabbar il-Vanġelu.[14] Imma t-tradizzjoni Kristjana dejjem tat priferenza lit-test ta' Mattew fuq dak ta' Ġwanni.

Ġesù jagħti setgħa assoluta lill-Appostli biex jaħfru, u jżejjinhom bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu biex jgħinhom f'din il-missjoni sopranaturali. Hu stess ġie biex jaħfer id-dnubiet u issa jagħni lilhom bl-istess don. Minn kliem Kristu ma jibqax dubju fuq dan.

---

[12] RAYMOND E. BROWN–JOSEPH A. FITZMYER–ROLAND E. MURPHY (ed.), *The new Jerome biblical commentary*, London 1997, 659.
[13] LAWRENZ SCIBERRAS, *Saltnatu għal dejjem*, Malta 1991, 51.
[14] L-Erbatax-il Sessjoni tal-Konċilju ta' Trento (1545-1563). Ara J. NEUNER–J. DUPUIS, *The Christian Faith in the doctrinal documents of the Catholic Church*, New York [6]1996, 1617, 1643.

Bl-opra kbira tal-fidwa, u għalhekk bis-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-Salib, il-bnedmin kollha huma ġġustifikati u diġà maħfura quddiem Alla.

Id-dnub huwa offiża kontra Alla, imma huwa wkoll ħtija kontra l-Knisja. Bl-assoluzzjoni l-bniedem hu maħfur quddiem Alla u quddiem il-Knisja. Hawn toħroġ ukoll l-azzjoni salvifika tal-Knisja li, bħal Kristu u b'mandat tiegħu, hi għajn ta' salvazzjoni għall-membri tagħha u għall-bnedmin kollha.

**Il-Knisja ta' l-Appostli u ta' San Pawl**

Fid-dawl tas-Saltna ta' Alla li kienet fil-qrib, il-Knisja tal-bidu kienet tagħti biss il-magħmudija li fiha l-Kristjan kien imut għad-dnub u għall-ħakma tiegħu darba għal dejjem, u jidħol fil-ħajja ġdida tal-misteru Paskwali. Allura kważi ma kienx hemm tolleranza għal min joħroġ minn din it-triq (1 Ġw 3:9). Kienet Knisja tal-qaddisin, kif naqraw fl-Atti (Atti 9:13,32, 41; 26:10) u spiss isejħilha San Pawl (Efes 1:1, fost oħrajn). Imma maż-żmien l-għarfien tad-dnub fil-ħajja tal-membri tagħha ħoloq possibbiltà ta' maħfra għal dawk li kienu jidinbu (1 Ġw 2), u ġiet żviluppata l-ewwel il-penitenza kanonika.

San Pawl jistieden lill-Kristjani biex iħallu lil Alla jirrikonċiljahom miegħu: "Nitolbu fuq li nitolbu f'ġieħ Kristu: 'Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu'. Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" (2 Kor 5:20-21).

Hu jitkellem ukoll fuq il-ħtieġa li dawk li jidinbu jiġu mwissija (Gal 6:1-2). Kien hemm ukoll drabi meta tkeċċew membri mill-komunità. Toħroġ ukoll il-qawwa kontra x-xitan meta ssir rikonċiljazzjoni ma' Alla. Ir-rebħa fuq id-dnub hi wkoll rebħa fuq ix-xitan, li minnu ġej id-dnub.

San Pawl spiss iwissi lill-komunitajiet li lilhom jikteb biex iqumu mill-ħajja tad-dnub u jagħtuha għall-ħajja tal-grazzja. Lill-Korintin iwissihom kemm-il darba, biex ma jiġux ingannati mix-xitan, li l-midneb bi dnubu jkun jgħaddi min-naħa ta' Kristu għal dik tiegħu (1 Kor 5:1-13; 2 Kor 2:5-11). Interessanti li f'2 Timotju 2:25-26 jgħid li l-

midinba, anki jekk ilsiera tax-xitan, għandhom jiġu trattati sew mill-isqof, biex hekk jaslu għall-konverżjoni.

F'Ġakbu 5:16-20 l-Appostlu jħeġġeġ għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla li ssir permezz ta' korrezzjoni fraterna u anki tas-sentenza tal-mexxejja tal-komunità, u dan mhux mingħajr it-talb ta' l-aħwa. Imma hi dejjem meħtieġa l-istqarrija tad-dnubiet pubbliċi: "Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" (1 Ġw 1:9).

**L-Ewkaristija**

Il-misteru ta' l-Ewkaristija, hekk ċentrali għat-teoloġija tat-Testment il-Ġdid, m'hux barrani għat-tema tal-maħfra tad-dnubiet. Anzi hu l-att penitenzjali sublimi. L-Ewkaristija hi kontinwament "sagrament ta' penitenza". Filfatt insibu partijiet qawwijin fil-quddiesa li huma ta' natura penitenzjali: l-Att Penitenzjali fil-bidu, il-Kelma ta' Alla li tistieden lill-Kristjan għall-penitenza, u t-talba tal-Missierna li titlob maħfra mingħand Alla.

Id-demm tal-Patt il-Ġdid imwaqqaf minn Ġesù hu wkoll għajn ta' maħfra tad-dnubiet (Mt 26:28). Imma mbagħad dawk li jkunu għamlu dnubiet gravi ma jistgħux jieħdu sehem f'din l-Ikla ta' l-għaqda, kif jgħid San Pawl (ara 1 Kor 10:14-22).

# 4

# Il-Penitenza bħala realtà dinamika

L-Iskrittura tagħti iktar importanza lill-mixja ta' penitenza milli lill-għemejjel singoli, iżolati u temporanji ta' penitenza. Għall-Iskrittura ma jeżistix penitent għal ftit ta' żmien, għax skond l-ideoloġija biblika wieħed hu dejjem penitent.

**Fl-Iskrittura**

Fit-Testment il-Qadim kollu kemm hu nsibu atteġġjament penitenzjali. Dawk li jġibu l-Patt huma l-penitenti l-kbar, il-profeti fil-vokazzjoni tagħhom, u l-istess għemejjel tal-Qaddej Sofferenti.

Fil-ktieb ta' l-Imħallfin 2:10-3:5 insibu djalettika f'sitwazzjoni normali fejn naraw kif Alla jaħdem mal-poplu tiegħu. L-inizjattiva divina ta' Alla li jagħti d-don tal-wegħda antika ssib il-qofol tagħha fl-Eżodu u mbagħad b'mod aktar prattiku fid-dħul tal-poplu magħżul fl-Art Imwiegħda, fejn jirregola ħajtu taħt il-liġi u jsir tabilħaqq poplu ta' Alla. Għalhekk f'din is-sitwazzjoni naraw kif il-Lhud qed jgħixu f'art li hi tagħhom bħala komunità mmexxija mil-liġi ta' Alla. Imma l-poplu jagħmel l-għażla tad-dnub flok dik ta' Alla, li jieħu t-tieni inizjattiva, din id-darba biex iwiddeb u, jekk hi l-ħtieġa, jikkastiga. Fl-aħħar il-poplu jieħu kontro-inizjattiva, biex insejħulha hekk, li hi l-konverżjoni tal-bniedem lura lejn Alla. Allura f'din id-djalettika wieħed jista' jaqra erba' azzjonijiet kbar – l-inizjattiva divina ta' Alla favur il-poplu, l-inizjattiva umana tad-dnub, mill-ġdid l-inizjattiva divina li twiddeb qabel tikkastiga għall-ħażen, u fl-aħħar l-inizjattiva penitenzjali tal-bniedem li jerġa' jdur lura lejn Alla u jitolbu maħfra.

F'Neħemija 8-10 insibu sitwazzjoni oħra, din id-darba inqas normali. Isseħħ katastrofi nazzjonali meta l-poplu jerġa' lura mill-eżilju ta' Babilonja (586-538 qK). Il-Mulej iwieġeb għat-talba tal-poplu tiegħu u jreġġgħu lura f'artu, imma hawn il-Lhud iridu

jħabbtu wiċċhom ma' xiżma interna. L-istorja tiżvolġi fuq erba' riti kbar: (1) Il-kelma ta' Alla dejjem għandha dimensjoni purifikanti li tgħin fil-konverżjoni tal-qalb. (2) Il-festa ta' l-Għarejjex hi l-festa tal-poplu saċerdotali, il-festa tal-ġudizzju ta' Alla fuq Israel. (3) Il-*Jom Kippur*, ir-rit ċentrali, hu r-rit penitenzjali *per eccellenza* tal-poplu Lhudi. Naqraw f'Levitiku 16 kif dan ir-rit imdemmi jirrappreżenta iktar atteġġjament ta' ftuħ għal Alla. (4) Fl-aħħarnett jiġġedded il-Patt ma' Alla u dan hu r-rit li jagħlaq il-ġrajja. F'dawn l-erba' riti jippredomina l-atteġġjament ta' konverżjoni u ta' aċċettazzjoni tad-destin finali ta' dik li kellha tkun l-għażla fundamentali ta' Israel: Alla hu l-preżenza tiegħu.

Fit-Testment il-Ġdid il-ġrajjiet imorru iktar lil hemm mill-wegħdiet. F'Mark 1:14-15 Ġesù jibda l-predikazzjoni pubblika tiegħu bi stedina għal żewġ atteġġjamenti li fl-essenza tagħhom huma: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba", li skond Beneditu XVI huma "l-kontenut essenzjali tat-tħabbira"[15] ta' Ġesù. Il-verbi *"metanoia"* u *"pistis"* ftit huma użati fit-Testment il-Ġdid u, meta użati, f'mumenti deċiżivi.

Fl-Atti 2:38-39 insibu mbagħad il-bidu tal-predikazzjoni tal-Knisja fid-diskors famuż ta' Pietru nhar Għid il-Ħamsin. Dan hu diskors eskatoloġiku u messjaniku, li għalhekk isejjaħ lid-dinja kollha għas-salvazzjoni.

Lejn tmiem it-Testment il-Ġdid, fil-ktieb ta' l-Apokalissi 2-3, l-aspett determinanti huwa wieħed eskatoloġiku għall-aħħar, imma dan ma jfissirx li m'hux attwali għall-ħajja tal-Knisja kontemporanja. Is-seba' ittri ta' l-appostlu Ġwanni lill-knejjes ta' l-Asja Minuri – Efesu, Smirna, Pergamu, Tjatira, Sardi, Filadelfja u Laodiċeja – huma stedina għal ftuħ penitenzjali, għall-konverżjoni sħiħa.

**Il-penitenza bħala don ta' Alla**

Dan l-atteġġjament penitenzjali jirriżulta impossibbli mingħajr l-intervent divin. Il-penitenza hi l-ġrajja l-aktar għolja u importanti fil-ħajja storika tal-bnedmin storiċi fil-poplu ta' Alla, imma min-naħa l-oħra m'hix aspett li ġej bis-saħħa umana biss.

[15] Beneditu XVI, *Ġesù ta' Nazaret*, (traduzzjoni ta' Edmund Teuma), Malta 2007, 65.

Hi fatt divin għax jekk il-konverżjoni hi dik li twassal lill-bniedem għall-ħajja vera, tista' tiġi biss minn Alla. Barra minn hekk, il-penitenza hi stil ta' ħajja li jinteressa lill-bnedmin kollha. Fl-Iskrittura Kristu hu l-veru Alla u veru bniedem, il-Knisja hi l-veri qaddisin u veri midinbin, u l-penitenza hi l-għemejjel ta' Alla u dawk tal-bniedem. Donnu dejjem hemm din il-mixja flimkien tad-divin ma' l-uman, u hekk ukoll fil-proċess penitenzjali. Kristu jinkarna ruħu fil-Knisja u jimxi magħha l-pellegrinaġġ penitenzjali. U f'dan huma meħtieġa l-kwalifiki divini u umani flimkien.

F'2 Samwel 12:13 Alla jilħaq lis-sultan David permezz tal-profeta Natan. Is-sultan jindem u jistqarr ħtijietu: "Jiena dnibt kontra l-Mulej", imma l-profeta jwieġbu: "Il-Mulej ukoll ħafirlek dnubek".

Anki fit-Testment il-Ġdid naraw f'bosta persuni "il-penitenza fl-azzjoni, il-milja perfetta tar-rieda tal-Missier, u mbagħad ta' Kristu". Ġesù nnifsu hu l-eżempju perfett tal-penitenza, u l-figura l-aktar elokwenti tal-penitenti. Kristu hu ttentat minn kulħadd: qraba, kapijiet, saċerdoti, awtoritajiet, dixxipli, u x-xitan innifsu. Hu m'għandux bżonn jagħmel penitenza għax hu dejjem quddiem il-Missier u quddiem l-aħwa.

Kif nistgħu naraw, fil-penitenza, li hi don divin, hemm il-ħidma speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu. Filfatt hu l-Ispirtu li jistrieħ fuq Kristu, kif insibu fi Ġwanni 1:32, Mark 1:10, Mattew 3:16 u Luqa 3:22. Hu l-Ispirtu s-Santu li jista' jqiegħed fl-azzjoni l-għemil tal-penitenza, li hu kundizzjoni ta' l-eżistenza tas-sagrament, kemm bħala atteġġjament tal-bniedem u kemm bħala sagrament tal-Knisja.

**Il-penitenza: għemil tal-bniedem**

Il-Padri ta' l-Orjent dan l-atteġġjament isejħulu "l-ispirtu kollu rieda tal-*Miserere* (Salm 51:14) li mingħand Alla jinżel bħala grazzja fuq il-bniedem u mill-bniedem jitla' bħala tweġiba għand Alla". Hekk il-penitenza hi kollha kemm hi għemil ta' Alla u, flimkien miegħu, kollha kemm hi għemil tal-bniedem.

F'Ġeremija 31:18 il-profeta jitlob lil Alla jreġġgħu lura għandu u jikkonvertih, għax jeħtieġ li l-ewwel pass jagħmlu Alla biex il-profeta jerġa' lura għandu u jikkonverti. Din il-frażi tfisser li wieħed jaċċetta bis-sħiħ l-inizjattivi divini u joffri bħala tweġiba l-

attività umana li hi meħtieġa. Il-bniedem qatt m'hu waħdu, iżolat, jew nieqes minn mezzi biżżejjed, imma jeħtieġ li jagħmel il-pass mal-Mulej.

F'Ġeremija 4:1 naqraw: "Jekk trid terġa' lura, Israel, erġa' ejja għandi!". Il-penitenza ma toħloqx waħidha l-possibbiltà li wieħed jerġa' lura, imma titlob min-naħa l-oħra l-ftuħ tal-bniedem.

Luqa, it-teologu tat-tjieba, ta' l-imħabba, ta' l-Ispirtu s-Santu, f'Luqa 13:1-5 jippreżentalna lil Kristu li joqgħod għal ħajja ta' penitenza fejn kważi kważi bilkemm bżonn tad-dixxipli ma jifdallu. F'Luqa 22:32 hu jagħmel ġudizzju kważi bla ħniena fuq Pietru, li donnu jrid jimponi l-idea partikulari tiegħu – mhux imħawla fil-fidi – fuq Ġesù.

**Il-penitenza bħala kundizzjoni permanenti ta' ħajja**
Allura l-penitenza ma tiqafx mar-rit liturġiku, għax issir iktar atteġġjament ta' ħajja. Dak li hu mgħix jiġi saħansitra qabel is-siġill sagramentali, għax isir stil ta' ħajja li l-Kristjani jadottaw għalihom bħala vokazzjoni divina. Fl-Iskrittura l-penitenza tibda bħala għemil imma mbagħad issir kundizzjoni permanenti u irriversibbli. Nistgħu nieħdu l-eżempju ta' David, fost tant oħrajn.

Hawn spiss jidwi l-kliem ta' twissija kontra s-suppervja tal-bniedem (Rum 3:9; 3:23; 1:18-32), fejn id-dnub jidher qisu l-kundizzjoni eżistenzjali u normali ta' ħajjet il-bniedem. Il-fatt li l-bniedem jeżisti diġà jassumi d-dnub. L-eżistenza tal-bniedem storiku bħala tali hi ħażina. Kulħadd jaqa' taħt id-dnub. Id-dnub fil-bniedem hu dejjem qasma ħażina li tifxel id-direzzjonijiet kollha tiegħu. Id-dnub ma jħalliniex ngħixu fis-sliem ma' l-oħrajn. Huwa xiżma, għeluq, suspett u mibegħda, disprezz, egoiżmu, sfruttament. Liema sagrament jista' jaħfer dan kollu?

Id-dnub hu meta wieħed ma jagħtix kas ta' "ħuh", bid-drittijiet tiegħu; hu li ma jagħtix kas ta' l-ieħor, li fih jgħammar Alla l-Missier. Jekk aħna tassew Kristjani jeħtieġ nagħrfu li l-oħrajn għandhom biss drittijiet lejna u aħna għandna biss dmirijiet lejhom. Huwa biss permezz tal-ftuħ lejhom li aħna nistgħu ninfdew.

**Il-konverżjoni**

Il-konverżjoni hi ftuħ għal Alla. Id-dnub hu l-akbar mod li bih wieħed jingħalaq għal Alla, kif naqraw f'1 Tessalonkin 1:9. Min-naħa l-oħra l-konverżjoni ssir ukoll ftuħ ta' verità għalina nfusna, għax nagħmlu tagħna dak l-għarfien profond tal-miżerja tagħna li ġġiegħel lill-bniedem jigdeb lilu nnifsu. Kif jistqarr San Pawl f'Rumani 2:14-15 u 7:17-24, "m'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx". It-tielet, il-konverżjoni hi ftuħ għall-oħrajn. Fit-Testment il-Qadim Alla jassumi bħala għemil indirizzat lejn il-persuna divina tiegħu kull ħażen li jsir lill-bnedmin (2 Sam 12; Hos 6:6; Mt 9:13; 12:7). Fl-aħħarnett il-konverżjoni hi penitenza b'rispett lejn id-dinja (Rum 1:18-32; 8:19-22), għax id-dnub jagħmel ħsara lid-dinja.

**Kwalitajiet teoloġiċi tal-penitenza**

Il-penitenza hi kerigmatika, għax hi tweġiba għall-kelma divina li biha Alla l-ħin kollu jikkomunika mal-bnedmin: kelma li għandha l-qawwa li tqanqal għall-konverżjoni (1 Pt 1:12; Rum 5:9; 11:30; Kol 1:22; Efes 2; 2 Tim). Il-penitenza hi vera u awtentika. Quddiem Alla l-bniedem ma jistax jigdeb, anzi fil-verità profonda ta' qalbu lanqas jista' jigdeb lilu nnifsu. Iktar faċli jigdeb lil ħuh. Proprju hawn tidħol il-konverżjoni – is-sinċerità ma' l-aħwa. Hi awtentika għax il-bniedem jesprimi l-verità ta' l-eżistenza tiegħu (2 Sam 2:13; Rum 10:8-17).

Il-penitenza hi storika u reali. Hi fatt storiku fil-ħajja tal-Kristjan. Kif semmejna qabel il-ktieb ta' l-Apokalissi jsejjaħ għall-indiema u l-penitenza lill-Knejjes lokali. Il-penitenza hi sħiħa, għax ma tistax tkun fuq parti waħda biss ta' l-eżistenza umana. Xejn ma jista' jibqa' barra mill-konverżjoni tal-bniedem. Il-penitenza m'għandhiex kundizzjonijiet u hi mdawla minn Alla. Fil-Bibbja Alla ma jaċċettax kundizzjonijiet, għax wieħed irid jintreħa f'idejh mingħajr kompromessi. Dak li jikkonverti ma jżomm xejn għalih innifsu. Il-penitenza hi messjanika u funzjonali. Dan ifisser li ġejja dejjem minn Kristu u għandu tasal. Hi irriversibbli, għax iddaħħal lil min jgħixha b'mod definittiv fil-ħajja ta' Alla.

5

# "Torbot" u "tħoll" fuq l-art u fis-Sema

> Il-kelmiet "torbot" u "tħoll" ifissru: dak li intom twarrbuh mill-għaqda tagħkom, ikun imwarrab ukoll mill-għaqda ma' Alla; dak li intom tilqgħuh mill-ġdid fl-għaqda tagħkom, Alla wkoll jilqgħu mill-ġdid fl-għaqda miegħu. Ir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja ma tistax tinfired mir-rikonċiljazzjoni ma' Alla.[16]

Il-Knisja tal-bidu iktar ippreferiet tara f'Mattew 16:18 u 18:18 milli fi Ġwanni 20 il-prova biblika għall-qawwa sagramentali tagħha li taħfer id-dnubiet. Għalhekk il-maħfra tad-dnubiet iktar għandha x'taqsam ma' kif il-ministru tas-sagrament "jorbot" u "jħoll" id-dnubiet tal-penitent. Spiss fit-teoloġija Skolastika, li "torbot" (f'Mattew) u "żżomm" (fi Ġwanni), f'rabta mas-sagrament tal-Qrar, ifisser il-qawwa li tirrifjuta li tagħti l-assoluzzjoni li xi ħadd li jersaq bħala midneb quddiem it-tribunal tal-Knisja, minħabba nuqqas ta' dispożizzjoni min-naħa tal-penitent. Kontra t-teoloġija Riformista, dik Kattolika tħabtet biex tipprova n-natura ġuridika tas-setgħa li għandha l-Knisja li taħfer bil-qawwa doppja li biha torbot u tħoll.

Joseph Ratzinger ifisser tajjeb ħafna l-kuntest teoloġiku u bibliku ta' dawn it-termini, fil-ktieb tiegħu *Called to communion*:

> Is-sinifikat tar-riferenza għall-imfietaħ jivvalorizza b'mod ċar is-sens ta' torbot u tħoll. Din l-aħħar espressjoni hi meħuda mill-lingwaġġ rabbiniku, fejn qabelxejn tfisser l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet duttrinali u, min-naħa l-oħra, tindika setgħa dixxiplinari ikbar, li hi d-dritt li timponi jew tneħħi projbizzjoni. Il-paralleliżmu "fuq l-art u fis-Sema" jimplika li d-deċiżjonijiet ta' Pietru għall-Knisja għandhom validità wkoll quddiem Alla…

---

[16] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993, 1445.

> Il-Knisja hi mibnija fuq il-maħfra. Pietru nnifsu hu t-tlaħħim personali ta' din il-verità, għax hu jingħata f'idejh l-imfietaħ wara li jkun waqa', stqarr ħtijietu u rċieva l-grazzja tal-maħfra. Il-Knisja hi min-natura tagħha dar il-maħfra… iżżomm flimkien bil-maħfra, u Pietru hu t-tifkira ħajja dejjiema ta' din ir-realtà: hi m'hix komunjoni tal-perfetti imma komunjoni ta' midinbin li jeħtieġu u jfittxu l-maħfra. Wara d-diskors fuq l-awtorità, il-qawwa ta' Alla tidher bħala ħniena u hekk hi l-ġebla tax-xewka tal-Knisja…[17]

"Torbot" fil-lingwaġġ tat-Testment il-Ġdid u fl-idea tal-Knisja tal-bidu jfisser li "tqiegħed taħt projbizzjoni". M'għandniex ngħaġġlu u naslu għall-konklużjoni żbaljata li dan ifisser l-istess bħall-kunċett kanoniku modern ta' l-iskomunika, li hi kastig ekklejżastiku li jingħata f'każi gravi ta' dnub. Wieħed mgħammed li għamel dnub mejjet xorta għadu membru tal-Knisja; imma għalkemm għadu ġewwa, l-appartenenza tiegħu għall-Knisja titlef it-tifsira vera tagħha – issir gidba. Hu dmir tal-Knisja li tixkef il-ħtija u l-iżball tal-midneb billi turih li bħala membru tagħha ma jkunx qed jgħix kif imissu, għax għalkemm minn barra jidher li hu ħaj, fis-sewwa jkun mejjet minn ġewwa minħabba d-dnub.

Minn dan naraw li "torbot" u "tħoll" m'humiex iż-żewġ naħat ta' alternattiva, imma żewġ fażijiet ta' l-istess reazzjoni, fejn il-Knisja twieġeb għad-dnub ta' xi ħadd minn uliedha. Meta torbot, hi tagħmel hekk biex tħoll. Imma biex tħoll, jeħtieġ li sseħħ konverżjoni vera fil-midneb u bil-kunsens tiegħu. Il-Knisja tal-bidu dejjem enfasizzat ħafna fuq il-ħtieġa li l-Kristjan li jkun mgħobbi bi ħtija gravi, jeħtieġlu li l-ewwel jintrabat biex imbagħad jinħall tabilħaqq. Din it-tkeċċija, biex insejħulha hekk, m'hix sempliċiment miżura dixxiplinarja imma esklużjoni mis-Saltna ta' Alla, li ma tistax taċċetta fiha d-dnub. Pawlu nnifsu jagħtina lista sħiħa ta' dnubiet li jeskludu lil min jagħmilhom mis-Saltna ta' Alla (Kol 3:5,8):

> Mewtu ġo fikom dak kollu li hu ta' l-art: żina, faħx, ġibdiet, xewqat ħżiena, u r-rebgħa li hi idolatrija… korla, passjoni, ħażen, dagħa, u l-kliem mhux xieraq.

Mill-Knisja tal-bidu sal-lum kien hemm forom differenti ta' projbizzjoni, imma ħaġa waħda tibqa' ċara fl-istorja kollha tas-sagrament: il-midneb kien jitħalla barra mill-ħajja

[17] JOSEPH RATZINGER, *Called to communion. Understanding the Church today*, (translated by Adrian Walker), San Francisco 1996, 63-64.

l-aktar ġewwiena tal-Knisja – l-Ikla u s-Sagrifiċċju tal-Mulej, il-Quddiesa. Jew forsi aħjar ngħidu li hu stess ikun eskluda lilu nnifsu bid-dnub tiegħu. L-ewwel ma tkun seħħet din l-esklużjoni hu fil-kuxjenza tiegħu, imbagħad il-Knisja tagħtiha forma tanġibbli billi "torbot".

Fil-mod kif inħarsu llum lejn is-sagrament tal-Qrar u l-proċess sagramentali tal-maħfra, din l-interpretazzjoni bikrija ta' x'ifisser "torbot" jew "iżżomm", allura bħala mument interjuri u neċessarju ta' maħfra, hi pjuttost nieqsa. Dan għax fis-sagrament kif jiġi amministrat illum il-ġurnata, ma nsibux dan is-sens, u iktar qed nagħtu importanza lill-"qrara tad-devozzjoni". Allura b'xorti ħażina ftit joħroġ l-aspett, hekk importanti għas-sagrament, tal-mixja penitenzjali li fiha lkoll suppost ninsabu. Santu Wistin jikkummenta, filfatt, li bis-sagrament il-membru tal-Knisja kapaċi jkun maħfur imma ma jkunx verament ħaj minn ġewwa, la jkun nieqes dan il-proċess kontinwu ta' konverżjoni.

Interpretazzjoni ta' din ix-xorta li teskludi l-kastig ekkleżjastiku ta' l-iskomunika ma teżistix aktar. Nieħdu l-każ ta' komunità Kristjana ċkejkna li l-membri tagħha jkollhom id-drawwa stramba li jmorru jqerru biss dnubiet gravi. Jekk huma jmorru għall-qrar f'post pubbliku, din id-drawwa tagħhom tista' tissejjaħ qrara ekkleżjastika pubblika jew anki skomunika. Il-persuna qiegħda tistqarr lilha nfisha midinba quddiem kulħadd u tiġi eskluża minn fost dawk il-membri tal-Knisja li jgawdu aċċess ħieles għall-akbar misteru tagħha. L-att tar-"rabta", meqjus bħala l-ewwel fażi tar-reazzjoni tal-Knisja għad-dnub mejjet tal-Kristjan, insibuh illum kif kien jinsab fil-Knisja tal-bidu. Imma forsi hu iktar moħbi għax hemm dawk li għandhom dritt jirċevuh u hemm ħafna oħrajn li jmorru jqerru mingħajr ma huma obbligati.

Fid-dawl tat-teoloġija morali, il-Knisja torbot lill-Kristjan li dineb gravament billi teskludih mill-Ewkaristija, tobbliga lill-midneb imur iqerr talinqas darba fis-sena, u forma tanġibbli bħal din hi differenti mill-*"forum externum"*. San Pawl ra din il-forma ta' rabta bħala mod kif wieħed jiġi mgħoddi taħt il-qawwa tax-xitan.

M'hemmx possibbiltà li "torbot" f'każ ta' "qrara tad-devozzjoni" li hi maħfra sagramentali tad-dnub. Dan juri li illi "torbot" m'hux xi kwalità li tappartieni lill-

essenza tal-proċess penitenzjali tal-Knisja. M'hemm l-ebda "rabta" fis-sens strett tal-kelma meta niġu għal dnubiet venjali.

**Id-dnubiet venjali**

Nistgħu ngħidu li d-dnub venjali, bħad-dnub mejjet, huwa wkoll offiża kontra l-Knisja u kontra l-funzjonijiet li jobbligaw lill-Kristjan li hu msieħeb fil-Knisja. Id-dnub venjali ma jeskludix għalkollox lill-midneb mill-ħajja ġewwiena tal-Knisja imma xorta jżommu lura milli jgħix ħajtu b'mod sħiħ. San Tumas jafferma li d-dnub venjali ma jeskludix il-virtù ta' l-imħabba imma jimpedixxi l-għemil ta' mħabba u l-*"fervor caritatis"*, hawn mifhuma mhux sempliċiment bħala d-dispożizzjoni suġġettiva imma bħala l-imħabba divina li tnixxi kontinwament fuqna mill-qalb tal-Knisja. Bid-dnub venjali l-bniedem iwessa' d-distanza bejnu u bejn dan il-fervur iħeġġeġ ta' mħabba. Wieħed jista' jagħmel tajjeb għal din ir-reżistenza ħatja għall-imħabba permezz tal-penitenza privata, it-talb u billi jirċievi l-Ewkaristija.

Din is-separazzjoni tal-bniedem mill-milja tal-ħajja u l-enerġija dinamika tal-Knisja, li jġib miegħu d-dnub venjali, tingħata karattru viżibbli fil-qawwa sagramentali tal-Knisja. Il-fatt li d-distanza tal-midneb mill-ħajja tal-Knisja nistgħu nifhmuha bħala riżultat ta' l-azzjoni tal-Knisja, jagħmilha faċli iżjed għalina li ngħidu li anki hawn il-Knisja "torbot" kif torbot fil-każ ta' dnub mejjet.

**Tħoll fuq l-art u fis-Sema**

Il-verità essenzjali u deċiżiva hi li Alla jaħfrilna d-dnubiet kollha tagħna u li l-maħfra tiegħu ssib forma sagramentali tanġibbli u preżenza effettiva fil-ħajja tagħna permezz tal-kelma tal-Knisja.

It-tifsira ta' "torbot" u "tħoll" issir iżjed ċara bin-natura kuntrarja ta' dawn iż-żewġ termini, u nistgħu naffermaw sa mill-bidu li dak li l-Knisja "tħoll", fid-dawl ukoll ta' Mattew 16 u 18, m'hux xi alternattiva għal li "torbot", bħallikieku għandha l-għażla li tagħmel ħaġa jew l-oħra, imma jirriferi għall-istess "rabta" li tkun għamlet qabel il-Knisja. Fi kliem sempliċi, il-midneb hu maħlul mill-istess projbizzjoni li biha tkun rabtitu ftit qabel il-Knisja. F'ċertu sens, m'hemm xejn iżjed x'jinħall ħlief dan.

"Li torbot fuq l-art" ifisser li turi, bl-awtorità uffiċjali tal-Knisja, id-distanza li kibret fl-isfera sagramentali pubblika u bil-ħtija tal-bniedem, mhux biss bejn Alla u l-midneb imma wkoll bejn il-Knisja u l-membru midneb tagħha. Din ir-rabta toħloq żewġ distanzi: dik li tinħoloq minħabba l-ħtija li jħoss il-bniedem, u dik li tiġi mill-għemil tal-Knisja fil-konfront tal-midneb. Dawn iż-żewġ mumenti huma għal xulxin kif in-natura hi għall-manifestazzjoni konnaturali. Minn dan joħroġ ċar li l-espressjoni "torbot fuq l-art" ġejja min-naħa tal-Knisja u l-ewwel reazzjoni tal-Knisja għad-dnub tal-membri tagħha hi dejjem waħda ta' "rabta". Il-persuna tbiegħdet minn Alla u mill-Knisja mqaddsa u għalhekk il-Knisja jeħtieġ li titbiegħed mill-midneb billi torbtu u tqiegħedlu projbizzjoni. Tista' tneħħi jew tħoll din il-projbizzjoni biss meta taf li dak id-dnub ikun inħafer minn Alla "fis-Sema". Il-kelmiet tal-Mulej juru li din il-maħfra sseħħ kulmeta l-Knisja tħoll lill-midneb "fuq l-art". Madankollu, biex dak li tħoll il-Knisja jkollu effett, naturalment qabel irid ikun hemm l-indiema tal-bniedem li jerġa' lura fi ħdan Alla.

**Il-vera tifsira ta' dawn it-testi**

Meta l-Knisja torbot lill-midneb minħabba xi dnub li jkun għamel quddiem Alla u l-Knisja mqaddsa tiegħu, u meta mbagħad – għax jerġa' lura kollu niedem – terġa' tħollu u tilqgħu fil-ħajja tagħha b'att sovran li hu dritt tagħha, u allura taħfirlu l-ħtija "ekkleżjoloġika" tiegħu, imbagħad b'din l-istess forma hu jinħall ukoll mill-istat ta' ħtija tiegħu quddiem Alla u "fis-Sema" jitqies mill-ġdid bħala membru ħieles tal-poplu ta' Kristu, imqawwi bl-Ispirtu tiegħu, bid-drittijiet u l-grazzji kollha li jkollu kull membru.

Il-Padri fehmuhom dawn it-testi u għalhekk fehmu li l-assoluzzjoni tal-qassis tfisser li wieħed "jiġi milqugħ fil-Knisja ta' Kristu". Dan hu l-ewwel effett fl-ordni oġġettiv u ontoloġiku li bih jinkisbu l-effetti l-oħra, bħall-maħfra tad-dnub quddiem Alla.

San Bonaventura jgħid li l-qrar kien imwaqqaf għall-għan ewlieni li l-bniedem jiġi rrikonċiljat mill-ġdid mal-Knisja u hekk ir-rikonċiljazzjoni tiegħu ma' Alla tkun immanifestata. San Tumas jgħid li b'dan is-sagrament il-bniedem jeħtieġ li jiġi rrikonċiljat mhux biss ma' Alla imma wkoll mal-Knisja.

Il-Knisja tal-bidu fid-dnub rat offiża kontriha u fil-maħfra l-qerda tal-ħtija ta' din l-offiża kontra l-Knisja u għalhekk rikonċiljazzjoni magħha. U għalhekk, fi qbil ma' l-Iskrittura, kienet tara f'din ir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja mezz ta' rikonċiljazzjoni ma' Alla. Kif qal San Ċiprijanu, it-teologu l-kbir tal-penitenza, hemm bżonn li nkunu rrikonċiljati ma' Ommna l-Knisja biex inkunu f'qagħda li jkollna mill-ġdid lil Alla b'Missierna.

Għax id-dnub ta' kull Kristjan, anki jekk dan hu m'hux konxju tiegħu, iweġġa' lill-komunità, jiġifieri lill-Knisja li hu jagħmel parti minnha. Din tagħmilha ċara anki l-istess Liġi Kanonika meta tintroduċi s-sagrament tal-Penitenza:

> Fis-sagrament tal-penitenza l-fidili, waqt li jistqarru dnubiethom lil ministru leġittimu, u jisgħobbihom ta' dnubiethom, waqt li fl-istess ħin jagħmlu proponiment li jkunu aħjar, jiksbu mingħand Alla maħfra għad-dnubiet li jkunu għamlu wara l-magħmudija, permezz ta' l-assoluzzjoni mogħtija mill-istess ministru; u bl-istess mod huma jiġu rrikonċiljati mal-Knisja li huma jkunu weġġgħu bid-dnub tagħhom.[18]

Anki meta hu jkun dineb, ikun il-midneb li għażel li jinfired mill-Knisja u mhux din tefgħetu 'l barra. Bil-ferħ, għalhekk, hi tilqgħu mill-ġdid fi ħdanha – *"pax cum ecclesia"*. F'dan id-dawl nifhmu iżjed xi jfissru "torbot" u "tħoll".

**Espożizzjoni ta' xi kunċetti Skolastiċi**

L-istat ta' rikonċiljazzjoni mal-Knisja hu r-*"res et sacramentum"* tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Is-sinjal sagramentali hu msejjaħ *"sacramentum"* waqt li l-effett tal-grazzja li hu l-oġġett aħħari tal-każwalità tas-sagrament, *"res sacramenti"*. Hemm realtà intermedjarja bejn it-tnejn li għandha kemm il-karattru ta' l-effett fir-relazzjoni mas-sinjal sagramentali u kemm il-karattru tas-sinjal f'relazzjoni mar-*"res sacramenti"* – *"res et sacramentum"*. Dan il-fattur dejjem għandu karattru ekkleżjoloġiku: Magħmudija, Ordni Sagri, Ewkaristija.

Fil-Medjuevu d-dispożizzjoni interna tal-penitenza kienet ir-*"res et sacramentum"* tal-Qrar għax tqieset bħala l-effett u mhux biss il-presuppożizzjoni tas-sagrament. Din ir-

---

[18] Kanoni 959, f'JAMES A. CORIDEN–THOMAS J. GREEN–DONALD E. HEINTSCHEL (ed.), *The Code of Canon Law. A text and commentary*, London 1996, 676.

realtà intermedjarja tikkonsisti fid-dritt veru tal-penitent li jersaq hu biex jitlob il-grazzja tal-ġustifikazzjoni. Għalhekk, permezz tal-proċess tar-rikonċiljazzjoni mal-Knisja (*"sacramentum"*) jidħol l-istat ta' rikonċiljazzjoni sħiħa mal-Knisja (*"res et sacramentum: pax et communio cum ecclesia"*); b'hekk bilfors hu jirċievi sehem ġdid fl-Ispirtu tagħha li jaħfer il-ħtija (*"res sacramenti"*). Din il-*"pax cum ecclesia"* tissejjaħ *"res et sacramentum"*.

# Bibljografija

ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993.

BENEDITTU XVI, *Ġesù ta' Nazaret*, (traduzzjoni ta' Edmund Teuma), Malta 2007.

BROWN Raymond E.–FITZMYER Joseph A.–MURPHY Roland E. (ed.), *The new Jerome biblical commentary*, London 1997.

CORIDEN James A.–GREEN Thomas J.–HEINTSCHEL Donald E. (ed.), *The Code of Canon Law. A text and commentary*, London 1996.

FEDERICI Tommaso, *La penitenza come realtà dinamica*.

ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni appostolika postsinodali *Reconciliatio et pænitentia*, 2 ta' Diċembru 1984.

LÉON-DUFOUR Xavier (ed.), *Dictionary of biblical theology*, (translated by Joseph Cahill), London $^{2}$1995.

NEUNER J.–DUPUIS J., *The Christian Faith in the doctrinal documents of the Catholic Church*, New York $^{6}$1996.

PEKARSKE Daniel T., *Abstracts of Karl Rahner's Theological investigations I–23*, Marquette 2003 .

RAHNER Karl (ed.), *Encyclopedia of theology. The concise "Sacramentum mundi"*, London 1981.

RAMOS-REDIGOR José, *Il sacramento della penitenza. Riflessione teologica biblico-storico-pastorale alla luce del Vaticano II*, Torino $^{6}$1992.

RATZINGER Joseph, *Called to communion. Understanding the Church today*, (translated by Adrian Walker), San Francisco 1996.

SCIBERRAS Lawrenz, *Mixja mas-sena tal-Knisja*, Malta 1996.

SCIBERRAS Lawrenz, *Saltnatu għal dejjem*, Malta 1991.